# Innu solenni lil Ġesù Salvatur (III)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra kont laqqajtkom mat-tieni parti tal-artiklu li jitratta fuq l-Innu Solenni 'Ġesù Salvatur' ta' Mro. Antonio Miruzzi. L-artiklu kien maqsum prinċipalment f'żewġ taqsimiet u li fih konna tkellimna fuq it-*Trasfigurazzjoni tas-Salvatur* skont kif irrakkuntata fl-Evanġelju ta' San Marku. Bħala silta mużikali mbagħad, ħadna d-dwett bejn Tenur u Baxx bħala eżempju mill-isbaħ ta' dan l-innu. Din is-sena ser inħalli f'idejn l-Evanġelista San Luqa biex fi kliemu jirrakkuntalna din il-ġrajja. Min-naħa tiegħi ser nitkellem fuq waħda mill-isbaħ arji mill-pinna ta' Miruzzi li din is-sena jaħbat għeluq il-150 sena mit-twelid ta' dan il-kompożitur prolifiku.

Kliem muftieħ: Tabor, San Luqa (Evanġelista), Mro. Antonio Miruzzi, Innu solenni lil Ġesù Salvatur (Lija), University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



L-Għolja Tabor: dan jinsab f'Iżrael, fin-Nofsinhar tal-Galilija, f'tarf in-naħa tal-lvant ta' Wied Ġeżragħel, u daqs ħdax-il mil biss bogħod mill-Baħar tal-Galilija. It-Tabor hu l-ogħla 'muntanja' li hemm fil-Galilea. Iżda, biex insiru nafu aktar dwaru, inħallu f'idejn Dun Xand Cortis (1856 - 1916) biex jiddeskrivihulna skont kif imniżżla fil-ktieb *Storja Sagra* tal-kittieb prolifiku Malti, Annibale Preca (1832 - 1901), vol. III, pġ 107: "It-Tabor hu għolja sabiħa wisq, tond minn kullimkien, imdaqqas minn kullimkien, mingħajr xfar, mingħajr xtur, nistħajlu nofs globu. Aktarx iħaddar bis-siġar tal-ballut, tal-ġewż, taż-żebbuġ u x'naf jien. Huwa miksi b'bosta fjuri salvaġġi … Hu għoli madwar erba' mili. L-arja tiegħu hi tajba wisq. Sajf u xitwa hu miksi bin-nida tas-sema.[1] Fuqu, l-għasafar jittajru qtajja' qtajja'. Bil-kant ħelu tagħhom ihennu u jfarrġu l-qalb." Din għalija mhix għajr deskrizzjoni oħra għal 'ġenna fuq l-art'. Mhux ta' b'xejn mela li isimha jfisser 'ġmiel'!




Issa, biex Ġesù, flimkien ma' tlieta mid-dixxipli tiegħu, Pietru, Ġwanni u Ġakbu ddeċidew li jitilgħu fuq it-Tabor, dan żgur li ħaditilhom ħafna sigħat, jekk mhux ukoll, jum sħiħ jew aktar. Skont f'liema ħin tal-ġurnata ddeċidew li jitilgħu, u jekk rikbux fuq xi dahar ta' bhima jew marrux bil-mixi, u jekk telgħuhiex b'pass mgħaġġel jew ħaduha bil-lajma, u jekk kienx hemm ħinijiet, qosra jew twal, li fihom waqfu għall-mistrieħ. Meta fl-Iskrittura Mqaddsa jgħidulna li kienu mejtin bin-ngħas ifisser li, għalihom il-vjaġġ kien iebes u twil. Infatti, l-għeja tant kienet kbira li kellhom bżonn jarmaw xi tined biex jorqdu fihom matul il-lejl. Anki li

[1] Is-sħaba li l-evanġelista jsemmi fir-rakkont tiegħu tista' tkun qed tirreferi għal din it-tip ta' nida.

Pietru staqsa lil Ġesù jekk riedx li jtella' tliet tined għall-Imgħallem tiegħu u ż-żewġ profeti li dehru jitkellmu Miegħu jfisser li, il-jum kien daħal sew u waqa' d-dlam fuq il-għolja. Pietru ra li, ikun aħjar għal kulħadd jekk jistennew sal-għada filgħodu qabel jibdew il-vjaġġ tagħhom lura. Wieħed jinnota hawnhekk li, anki fi ġrajja daqstant importanti jidħol l-element ta' żmien. Tant hu hekk li, anki lejn l-aħħar tar-rakkont, it-tliet dixxipli żammew fommhom sieket u li ma tkellmu xejn ma' ħadd dwar dak li kienu raw fil-jiem li ġew wara. Tajjeb ngħidu hawnhekk li, meta kompożitur jiġi biex jikteb biċċa mużika ikun jaf li hi suġġetta għal proċess morfoloġiku. Infatti, il-mużika ta' Miruzzi tgħinna biex nesperjenzaw din il-ġrajja mportanti billi pass b'pass ngħaddu mill-varji taqsimijiet tagħha li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma f'tempijiet li jimxu pjuttost bil-mod. Xi ħaġa partikolari fl-*Andante* tal-Baxx huwa l-użu frekwenti tal-iskajjel li bħal donnhom jiddeskrivu t-tlugħ u l-inżul minn fuq it-Tabor. Hemm imbagħad ukoll, l-użu ta' armonija estatika li permezz tagħha, il-kompożitur jgħinna nduqu ftit mill-estasija spiritwali li ġarrbu d-dixxipli meta l-Imgħallem ittrassfigura ruħu quddiemhom.

Fir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni jidhru żewġt irġiel oħra jitkellmu ma' Ġesù. Dan għaliex, Mosè kien il-bniedem li ta l-Liġi lill-poplu Lhudi u għaldaqstant, jidher f'dil-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni tas-Salvatur biex juri li Kristu huwa l-bidu u t-tmiem tal-Liġi. Elija, min-naħa tiegħu, peress li hu nnifsu kien profeta, deher ukoll biex juri li Ġesù kien tabilħaqq il-Messija kif kienu ħabbru l-profeti.

Taqbila - Iz-zija ta' Ħal Lija: Oħti Pija qabdet fija / Għax iz-zija ferħet bija ... (tkompli)

It-Trasfigurazzjoni tas-Salvatur skont l-Evanġelju ta' San Luqa:



L-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu skont San Luqa jiġi t-tielet wieħed wara dak ta' San Marku u qabel dak ta' San Ġwann, li min-naħa tiegħu jagħżel li f'kitbietu ma jsemmix din il-ġrajja tant importanti tat-Trasfigurazzjoni tas-Salvatur. Huwa fatt li, Luqa kien tabib u pittur qabel ma' Pawlu ħadu b'sieħbu fil-predikazzjoni tiegħu. Kiteb l-Evanġelju tiegħu bil-Grieg ħmistax, jew tmintax-il sena wara li Kristu tala' s-sema. Dan kien fi żmien l-Imperatur ta' Ruma Klawdju Ċesri. Jekk wieħed iħares lejn l-istampa tal-ġenb isib li, mal-figura ta' San Luqa hemm pinġuta ras ta' baqra jew gendus bħala simbolu tas-saċerdozju għax fil-ktieb tiegħu l-awtur ried jagħti prova li Kristu kien il-veru Saċerdot u li dan kien ġej mir-razza tagħhom. Infatti, San Luqa jibda l-Vanġelu tiegħu bis-saċerdozju ta' Żakkarija, missier il-Battista. (Fl-istampa t'hawn fuq tidher il-pittura tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù hija xogħol ta' Robert Caruana Dingli [1882-1940] u tinsab fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana, Għawdex.)

Luqa kiteb ħafna fuq ħajjet Ġesù Kristu, u, aktar mit-tlieta l-oħra, fuq it-tfulija Tiegħu kif semagħhom minn fomm omm San Pawl stess. Infatti, huwa biss f'dan l-Evanġelju li l-imħabba u l-ħniena jiskpikkaw l-aktar. Huwa wkoll f'dan il-ktieb li, joħroġ b'mod l-aktar konkret il-post tal-mara fil-ministeru ta' Ġesù. Hawn min jgħid li, kien Luqa l-ewwel wieħed li għamel xbieha ta' Marija Verġni b'Ġesù Bambin fi ħdanha. Ma' dan l-għidut hawn min ikompli jżid jgħid ukoll li, meta Luqa kien hawn Malta flimkien mal-imgħallem tiegħu, ħalla xbieha tal-Madonna b'Binha fuq dirgħajha l-Mellieħa! Il-Vanġelu nkiteb bejn wieħed u ieħor bejn is-70 u 80 sena w.K. waqt li San Luqa kien fil-Greċja.

Interessanti ħafna li, fir-rakkont tiegħu Luqa jagħti ħafna każ ta' spazju jew żmien meta jiġi biex jirrakkonta din il-ġrajja. Hekk mela, huwa jagħti sens ta' żmien anki mill-mod kif jibda r-rakkont tiegħu meta jgħid li din

seħħet xi tmint ijiem wara xi diskors li kien għamel Ġesù. Anki jekk bejn iż-żewġ ġrajjiet hemm spazju ta' żmien mhux ħażin bejn dil-ġrajja u dik ta' qabilha, ovvjament ħafna ġiri jġib l-għeja fiżika u l-ġisem ikun irid il-mistrieħ tiegħu. L'istess jagħmel l-awtur meta jifred iż-żmien permezz ta' żewġ sentenzi separati bejn meta d-dixxipli, flimkien miegħu, jitilgħu fuq il-muntanja u dak ta' meta Ġesù jibda jħejji ruħu għat-talb.



Min kien storikament San Luqa l-Evanġelista?: Luqa kien pagan ikkonvertit mill-belt ta' Antjokja ġewwa s-Sirja. Peress li l-professjoni tiegħu kienet ta' tabib kien jaf iħaddem l-ilsien Grieg daqs l-aqwa kittieba ta' żmienu. Għalkemm ma kienx wieħed mit-tnax-il Appostlu, intagħżel minn Alla biex ixandar l-Evanġelju tiegħu. Bħala tabib tar-ruħ Luqa, flimkien ma' San Pawl, ġrew ħafna pajjiżi, bl-itwal safra tkun dik minn Ċesarea għal Ruma. Kien matul dan il-vjaġġ twil li Luqa u Pawlu spiċċaw bla ħsieb fuq il-gżira tagħna fejn għaddew tliet xhur ixandru l-Kelma t-Tajba lil Maltin ta' rieda tajba. Ħadd ma jaf eżatt x'sar minn Luqa wara mewt tal-imgħallem tiegħu għax it-tradizzjonijiet li hemm fuqu jvarjaw bejniethom u allura mhux ta' min jorbot fuqhom. Luqa miet fl-età sabiħa ta' 84 sena fil-Boezja ġewwa l-Greċja. S. Luqa huwa protettur tal-pitturi u l-iskulturi peress li hu stess kien ukoll ipenġi. Il-festa liturġika tiegħu tiġi ċċelebrati fit-18 t'Ottubru.

KAPITLU 9, 28-36: *Daqs tmint ijiem wara dan id-diskors, Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u 'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex. U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm. Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajmin sewwa, u raw il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu. Xħin dawn it-tnejn kienu se jinfirdu minnu, Pietru qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija." Ma kienx jaf x'inhu jgħid. Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba. U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu." Malli nstama' l-leħen Ġesù sab ruħu waħdu. Huma żammew is-skiet, u għal dawk il-jiem ma qalu xejn lil ħadd minn dak li kienu raw.*



## L-arja tal-Baxx[2]

| Ittra | Battuti | Temp | Tonalità | Espressjoni |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| K | 234 - 261 | $^3/_4$ | RE*b* Maġġuri | *Andante* |
| L | 262 - 281 | | | |

L-arja tal-Baxx, l-istess bħal dik tat-Tenur, hija waħda pjuttost twila. Iżda, għalkemm fiha 'il fuq minn erbgħin battuta dawn jistgħu jinqasmu f'sentenzi kif ġej: (a) b. 234 - 241 = 8 battuti, (b) b. 242 - 249 = 8 battuti, (ċ) b. 250 - 261 = 12-il battuta, (d) 262 - 269 = 8 battuti, (e) 270 - 274[2] = kważi 5 battuti. L-ewwel

[2] Fil-kant, il-baxx jagħmel l-aktar noti baxxi u ġeneralment għandu l-aktar vuċi ħoxna mill-vuċijiet maskili kollha.

żewġ sentenzi (b. 234 - 241 + b. 242 – 249) tista' tgħid li huma identiċi ħlief għall-akkumpanjament fejn, f'tal-ewwel, il-Baxx hu akkumpanjat b'mod omofoniku mir-ram baxx biss filwaqt li f'tat-tieni, minn kwintett[3] tar-ram - tliet kurunetti, waħda prima u żewġ sekondi, *althorn* sekond u ewfonju prim, kif ukoll arpeġġi stakkati u fl-akut min-naħa tal-kwartin u l-klarinetti primi biss. Min-naħa tiegħu, il-Baxx jitla' u jinżel l-iskala tar-Re*b* Maġġuri fiż-żewġ sentenzi:




Fil-każ tat-tielet sentenza (b. 250 – 261), din terġa' tinqasam f'żewġ frażijiet ta' tmien u erba' battuti rispettivament, fejn il-Baxx jinseġ melodija ftit jew wisq differenti. Din tkun akkumpanjata biss minn kurunetta sola, u bil-klarinetti, korni u baxxi jissupplixu l-armonija għal ritmu sempliċi bħalma mdorrijin nisimgħu f'arja ta' xi opra. Il-banda sħiħa tidħol bil-qawwi fl-aħħar battuta wara li jkun intlaħaq krexxendo[4] eżatt qabel. Imbagħad terġa' lura l-kalma fir-raba' sentenza (b. 262 – 269) bħalma kellna ftit qabel, imma did-darba mingħajr is-solo tal-kurunetta, u bil-banda sħiħa terġa' tiżbroffa fl-aħħar battuta. Jifdal biss il-ħames u l-aħħar sentenza (b. 270 - 274[2]) fejn il-Baxx jinseġ kadenza[5] ċkejna ħafna. U wara pawsa żgħira fl-aħħar sillaba tal-kelma, il-mużika tmur u tirsolvi fuq passaġġ instrumentali, immarkat *forte*. Wieħed għandu jinnota li, kuntrarju għas-sentenzi li ġew qabilha f'din l-arja, fejn tista' tgħid li kollha kienu dijatoniċi[6], il-kadenza toffri mument pjuttost kuntrastanti minħabba li fiha element kromatiku[7]:




[3] Grupp ta' ħames daqqâqa flimkien.
[4] Mod wieħed kif il-mużika tista' żżidilha fil-volum ftit ftit u mhux f'daqqa. Din id-direzzjoni tista' tingħata permezz tal-kitba billi tniżżel *crescendo* jew *cresc.*, fil-qosor, jonkella permezz ta' sinjal f'forma ta' furfiċetta li jitqiegħed mimdud taħt noti singulari, jew grupp ta'noti, bin-naħa l-wiesa' tħares lejn dawk li inti tkun tixtieq li jikbru fil-ħoss. *Decrescendo*, jew *decresc.*, fil-qosor huwa meta inti tkun trid li l-ħoss jiċkien flok jikber b'mod gradwali.
[5] Passaġġ vokali mingħajr akkumpanjament li jiddaħħal f'kompożizzjoni biex juri l-kapaċità tal-kantant u li normalment kienet tintuża biex ittemm xi arja operistika. Oriġinarjament, kadenza kienet titkanta spirtu pront, imma tista' wkoll titħejja minn qabel permezz tal-kitba tan-noti mużikali.
[6] In-noti li minnha tintiseġ melodija meta dawn jappartjenu kollha għall-istess skala, fil-każ tagħna ir-Re*b* Maġġuri. Din hija tip ta' skala magħmula minn tonijiet u nofs tonijiet b'mod ordnat. L-uniku waħda li mhix fl-iskala hi l-La bekwadru u tidher biss f' b. 258 u 266 rispettivament biex tindika li l-mużika tkun immodulat, jiġifieri marret minn ton għal ieħor.
[7] Skala magħmula min-nofs tonijiet tissejjaħ kromatika jew semitonata. Fil-każ tagħna, il-kadenza qed tieħu ħafna minnha.

**GĦELUQ**: Fil-ktieb tal-festa tas-sena d-dieħla ser nitkellem fuq it-*Trasfigurazzjoni tas-Salvatur* skont it-tieni ittra ta' San Pietru. Ma jonqosx ukoll li, nislet silta mużikali oħra sabiħa minn dan l-Innu Solenni – il-għanja tal-Kor.

Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Lijani: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù Salvatur li qed tiġi ċċelebrata ġewwa Ħal Lija; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

Bibliografija:

AWTURI VARJI: It-Testment il-ġdid tas-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu – Għaqda Biblika Maltija 1975.
AWTURI VARJI: **Il-Bibbja** (il-Kotba Mqaddsa) tielet edizzjoni – Għaqda Biblika Maltija 2004.
CURMI Emanuel u John Philip: **... U semmih 'Ġesù'** - Veritas Press, Żabbar 1983.
FRIGGIERI OLIVER: **Dizzjunarju ta' Termini Letterarji** – Peg Publications 2000.
PRECA ANNIBALE: **Storja Sagra** illustrata f'erba' volumi – Giovanni Muscat, Malta 1948.
THEUMA ĠUŻEPPI: L-arti fil-knejjes minn mitt pittur Malta – PIN 2006.